MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Numru 18/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Rene sive Nazzareno Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 18 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Rene sive Nazzareno Micallef, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li Nazzareno Micallef kellu xi raba fl-inhawi maghrufa bhala Hal-Mula, Zebbug, Malta. Go fiha huwa kien ilu jezercita l-passatemp favorit tieghu tal-kacca, u biswit taghha kien hemm raba ohra appartenenti lill-familja Falzon. Dwar din ir-raba taghhom, Nazzareno Micallef u membri tal-familja Falzon kienu ilhom bit-tilwim bejniethom.
Nhar is-sittax t'April tas-sena elfejn u tnejn, bdiet trewwem tilwima ohra bejniethom minn kmieni filghodu meta

Nazzareno Micallef kien mar ghall-kacca fl-imsemmija raba w sab xi persuni fir-raba adjacenti, u aktar tard iltaqa' ma' George u Henry Falzon. Tlewwmu bl-ikrah bejniethom dwar kwestjonijiet ta' passagg minn fuq ir-raba ta' wiehed u tal-iehor kif ukoll dwar min kellu dritt fejn jahdem l-istess raba. F'hin minnhom, pero' Nazzareno Micallef telaq minn fuq il-post bil-pass u rehielha lejn daru, u minflok gietu f'mohhu li jmur jaghmel rapport lill-Pulizija dwar dak li kien gara bejniethom, iddecieda li jara kif jaghmel sabiex ipattieha lill-membri tal-familja Falzon. Kien ghalhekk li qabad wiehed mis-snieter li kellu, u cioe' arma tan-nar tal-marka Breda, ikkargaha b'hames skratacc u rehielha bil-mixi ghalfejn seta' jiltaqa' mal-imsemmija membri tal-familja Falzon bil-ghan li jpattiehielhom u joqtolhom. Fi triqu l-hemmhekk, huwa irnexxielu isib lift b'karozza ta' wiehed li kien jaf.
Kif wasal hdejn ir-roundabout tal-S Club, lemahom gejjin fid-direzzjoni tieghu riekbin f'Isuzu hadra. Fil-Pajero, izda, kien hemm tlieta min-nies, u cioe' Henry Falzon li kien qieghed isuq filwaqt li passiggier hdejh kien hemm George mentri wara kien hemm riekeb Daniel Falzon. Kif rahom, gieghel lil min kien tah lift sabiex jieqaf. Kif dak waqaf, Nazzareno Micallef hareg, tela' fuq ir-roundabout u minghajr ma tahom cans, immira u beda jispara bil-ghan li jolqothom u jtajjrilhom rashom, wiehed wiehed.
Mal-ewwel tir immirat huwa laqat lil Daniel Falzon f'daru flok f'rasu, u dan minhabba li Daniel Falzon ra kif ghamel sabiex jevita l-mira ta' Nazzareno Micallef. Fortunatament, bhala konsegwenza tal-mod kif intlaqat Daniel Falzon, huwa garrab biss feriti ta' natura hafifa salv kumplikazzjoni. B'danakollu, l-intenzjoni ta' Micallef kienet wahda cara, pozittiva diretta, u cioe' li joqtol lil Daniel billi jtajjarlu rasu.
Illi b'eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Reno sive Nazzareno Micallef hati ta'

tentattiv ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.
Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 31 (kif emendat bl-artikolu 6 tal-Att XVI tal-1996), 211, 23, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

2) U wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta’ l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-istess data u lok imsemmija fil-kap precedenti, u l-hin kien ghall-habta ta’ xi l-ghaxra w nofs ta’ filghodu, wara li Nazzareno Micallef kien immira w spara lejn ras Daniel Falzon u ma laqtux hemmhekk minhabba r-ragunijiet li ssemmghu hawn fuq, Nazzareno Micallef din id-darba mmira lejn ras Henry Falzon, u minhabba l-movimenti li dana ghamel kif ra lil Micallef jimmira lejh, ma ntlaqatx f’rasu izda f’partijiet ohra ta’ gismu u garrab diversi feriti serji, fosthom f’idu l-leminija.
Illi b’eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f’eriklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Reno sive Nazzareno Micallef hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.
Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija minn seba snin sa’ tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli

41(1)(a), 31(kif emendat bl-artikolu 6 tal-Att XVI tal-1996), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat;

3) U wara li fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-istess data u lok imsemmija fil-kap precedenti, u l-hin kien ghall-habta ta' xi l-ghaxra w nofs u hamsa ta' filghodu, wara li Nazzareno Micallef kien immira w spara lejn ras Henry Falzon u ma laqtux hemmhekk minhabba r-ragunijiet li ssemmghu hawn fuq, Nazzareno Micallef din id-darba mmira lejn ras Joseph Falzon, u minhabba l-movimenti li dana ghamel kif ra lil Micallef jimmira lejh, ma ntlaqatx f'rasu izda f'artijiet ohra ta''gismu w garrab diversi feriti kkagunati mic-comb.
Illi b'eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Reno sive Nazzareno Micallef hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn seba snin sa' tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 31 (kif emendat bl-artikolu 6 tal-Att XVI tal-1996), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

4) U wara li fir-Raba Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-istess data u lok imsemmija fil-kap

precedenti, u l-hin kien ghall-habta ta' xi l-ghaxra w nofs u tmin minuti ta' filghodu, wara li Nazzareno Micallef kien immira w spara lejn ras Joseph Falzon u ma laqtux hemmhekk minhabba r-ragunijiet li ssemmghu hawn fuq, Nazzareno Micallef din id-darba mmira lejn ras George Falzon, u, minhabba l-movimenti li dana ghanel kif ra lil Micallef jimmira lejh, ma ntlaqatx f'rasu izda f'partijiet ohra ta' gismu w garrab diversi feriti kkagunati mic-comb.
Illi b'eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Reno sive Nazzareno Micallef hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn seba snin sa' tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 31 (kif emendat bl-artikolu 6 tal-Att XVI tal-1996), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

5) U wara li fil-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, dejjem minhabba li Nazzareno Micallef volontarjament u dolozament spara l-hames skratac li kellu fl-arma tan-nar tieghu, diversi comb minn dawn it-tiri laqtghu l-vettura li fiha kien hemm riekba l-membri tal-familja Falzon, u cioe' vettura van JBB 642 tal-marka Isuzu.  Bhala konsegwenza, din il-vettura, propjeta' ta' Henry Falzon, garbet hafna hsara illi sabiex

titranga l-ispejjez jitilghu ghal aktar minn hames mitt Lira Maltin.
Illi b'eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati ta' d-delitt ta' hsara volontarja.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Reno sive Nazzareno Micallef hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli.
Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa' erba' snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(a), 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

6) U wara li fis-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, dejjem minhabba li Nazzareno Micallef volontarjament u dolozament spara l-hames skratac li kellu fl-arma tan-nar tieghu fid-direzzjoni kemm ta' aktar minn membru wiehed tal-familja Falzon kif ukoll tal-vettura msemmija fil-kap immeddjatament ta' qabel dan, huwa kien qieghed ukoll fl-istess hin jipperikola l-inkolumita' ta' persuni ohra li dak il-hin insertaw ghaddejjin minn hemm, kif ukoll karozzi ohra li wkoll dak il-hin insertaw ghaddejjin minn hemm. Ukoll, fil-post fejn huwa spara l-hames tiri kien post abitat b'diversi toroq pubblici li jaghtu go xulxin. Naturalment huwa lanqas ma kellu xi awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jaghmel dak li ghamel.
Illi b'eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati talli minghajr licenzja tal-Pulizija spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Reno sive Nazzareno Micallef hati talli minghajr licenzja tal-Pulizija spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici.
Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' anqas minn ghoxrin Lira Maltija u mhux izjed minn mitejn Lira, jew ghal dik il-prigunerija w multa flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 22(2), 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kapitolu 33

tal-Ligijiet ta’ Malta, u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

7) U wara li fis-Seba’ u l-Ahhar Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, wara li Nazzareno Micallef volontarjament u dolozament spara l-hames skratac li kellu fl-arma tan-nar tieghu bil-ghan li joqtol lil diversi membri tal-familja Falzon jew tal-inqas li jpoggilhom hajjithom f’periklu car u manifest, huwa telaq minn fuq il-post ta’ dawn id-diversi delitti li huwa kkommetta billi kkostringa w waqqaf lil sewwieqa ta’ vettura li allura kienet ghaddejja minn hemm, certa Marilyn Chircop, rikeb fil-vettura taghha armat bis-senter li kellu f’idejh u gieghelha twasslu d-dar.  Kif dina ratu bis-senter f’idejh jordnalha sabiex twasslu fejn ried imur, hija ma kellha ebda ghazla ohra libera x’taghmel hlief propju tissokkombi ghall-ordni w theddid tieghu.
Illi b’eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati talli, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta’ taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Reno sive Nazzareno Micallef hati talli, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta’ taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.
Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija minn seba xhur sa’ sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat Nazzareno Micallef tat-28 ta' Novembru, 2002, li biha eccepixxa illi :-

1. t-tieni , t-tielet , ir-raba, l-hames , is-sitt u s-seba kapi ta' akkuza huma nulli stante li ma jharsux id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 593 u 589 (c) tal-Kodici Kriminali ;
2. Illi t-tieni, t-tielet , ir-raba u l-hames kap ta' akkuza huma nulli u dana a tenur tal-artikolu 449(5) (b) peress illi l-parti esposittiva ma fihiex fatti li jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat migjub jew deskritt f'dawk il-kapi rispettivament ;
3. Illi l-hames Kap ta' Malta (Sic!) huwa null stante illi l-piena mitluba m'hijiex dik mitluba mill-Ligi peress illi jekk il-hsara ma teccedix il-Lm500 , allura l-minimu tal-piena applikabbli jinzel ghal hames xhur ;
4. Illi l-ahhar parti tad-depozizzjoni ta' Michael Falzon moghtija fil-kors ta' l-inkjesta a fol.81 tal-process u r-riferenzi ghall-istess xhieda fil-kors tal-istruttorja maghmula waqt id-depozizzjoni ta' l-istess xhud ghandha tigi sfilzata stante li tikkostitwixxi prova inammissibbli skond il-ligi.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni w tad-Difiza fil-kors tas-seduta tas-6 ta' Jannar, 2003;

Rat id-Digriet Taghha tas-6 ta' Jannar, 2003,fuq talba tad-difiza , biex l-isem "Michael" fir-raba eccezzjoni jigi sostitwit bl-isem u l-kelma "George"

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni dwar ir-raba eccezzjoni li bih qablet mad-direttiva tal-Qorti li fil-kaz tax-xhud George Falzon , peress li dan ix-xhud irid jixhed "viva voce" quddiemha, bhal kif taghmel dejjem , ser tara li ma jsirux domandi suggestivi jew diretti lix-xhud f'dak l-istadju , u f'kaz li dax-xhud , ghal xi raguni , ma jkunx jista' jixhed "viva voce" w allura tkun trid tinqara x-xhieda tieghu , tirrizerva minn issa stess li f'dak il-kaz, tati struzzjonijiet biex fejn hemm domandi suggestivi w risposti ghalihom dawn ikunu jistghu jigu mnehhija w dana bla pregudizzju pero' ghar-risposta li tista' tinghata mix-xhud jekk jixhed "viva voce" u li ,f'kaz ta' konfront tax-xhud ma dak li xehed

kemm waqt l-inkjesta kif ukoll tul il-kompilazzjoni , l-partijiet qablu li m‘ghandhiex tinqara’ d-domanda suggestiva w x-xhud ikun liberu li jaghti risposta in materja inkluza dik li jkun ta fil-kors tal-inkjesta u/jew kumpilazzjoni;

Rat il-verbal ta’ Dr. J. Giglio ghall-akkuzat tal-istess data li bih irtira t-tielet eccezzjoni preliminari tieghu kif ukoll in-nota tieghu sussegwenti minnu prezentata fl-istess seduta li biha l-akkuzat irtira it-tielet u r-raba eccezzjoni tieghu anki in vista tad-direttiva tal-Qorti u l-qbil tal-Prosekuzzjoni dwar ir-raba eccezzjoni .

Ikkonsidrat ;

Illi l-kontestazzjoni tal-akkuzat li trid tippronunzja ruha dwarha din il-Qorti tirrigwarda biss ghalhekk l-ewwel u t-tieni eccezjonijiet tieghu .

Illi l-abbli difensur tal-akkuzat issottometta li hemm difett f’diversi kapi tal-att tal-akkuza ad eccezzjoni tal-ewwel kap. Dan id-difett imur kontra dak li jipreskrivu l-artikoli 589 (c) u 593 (i) tal-Kap.9. Di fatti f’dawn il-Kapi ma hemmx il-fatti partikolarment dwar zmien u lok, li huma neqsin kompletament. Minnflok saret riferenza kull darba ghall-kap precedenti imma lanqas fil-kap precedenti ma jissemma xejn. Hu ccita s-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza “ir-Republika ta’ Malta vs. Emmanuel Felice” [18.10.1996] fejn il-Qorti kienet ordnat korrezzjoni “ex officio” . Izda hu argumenta li l-Qorti ma tistax tordna korrezzjoni simili f’ dan il-kaz u li ghandha tati interpretazzjoni restrittiva lill-artikoli tal-ligi. L-artikolu 599 kien jippermetti korrezzjoni ta’ zball fl-isem tal-akkuzat . Lanqas ma seta’ jkun applikabbli l-artikolu 599 ghax dan kien jirriferi ghall-korrezzjoni ta’ zball waqt il-guri proprju . Illi umbaghad skond l-artikolu 597 (1)u (2) ebda haga ma tista’ tizdied li tkun taghmel ir-reat izjed gravi. Issottometta ukoll illi t-tieni eccezzjoni kienet evidentement marbuta mal-ewwel eccezzjoni w tikkonsisti filli ma hemmx il-fatti . Meta zewg reati jingiebu f’att t’akkuza wiehed u jitqassmu f’diversi kapi, skond l-artikolu

593 (1) xorta wahda f' kull kap minnhom ghandha tithares id-dispozizzjoni tal-artikolu 589 .

Minn-naha l-ohra l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li l-kaz citat mid-difiza ma hux paragonabbli ma dan l-att tal-akkuza . Anki kieku ghal grazzja tal-argument kien hemm xi difett , trid issir distinzjoni netta bejn difett li jgib in-nullita' jew xi difett li ma jwassalx ghal dan . Fil-kaz citat kien hemm sitwazzjoni fejn il-validita' o meno ta' kap fl-att tal-akkuza kienet tiddependi fuq jekk il-kap precedenti kienx validu jew null. Issa f'dal -kaz ma hemm ebda kwistjoni ta' nullita' dwar l-ewwel kap tal-att tal-akkuza . It-tieni kap setgha jorbot mall-ewwel kap . Ma hemmx difett li ghandu jigi sanat b'xi korrezzjoni . Inoltre l-Prosekuzzjoni ma qablitx li ma hemmx espozizzjoni tal-fatti , ghax dawn, ghalkemm fil-qosor , jissemmew u dan xorta wahda jissodisfa l-vot tal-ligi. Fil-kaz ta' offizi fuq diversi persuni ma japplikax il-principju tar-reat kontinwat. Umbaghad bil-fatt li d-difiza ma kienetx qed tissolleva it-tieni eccezzjoniji taghha fil-kaz tas-sitt u seba kapi tal-att tal-akkuza fejn fl-introduzzjoni ghall-parti esposittiva taghhom , l-Avukat Generali uza l-istess kliem bhal fil-kapi ta' qabel impunjati mid-difiza u cioe' :

"Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kap precedenti...."

kienet qed tiehu pozizzjoni kontradittorja .Ghalhekk il-Prosekuzzjoni sostniet li la kien hemm nullita' u lanqas bzonn ta' korrezzjoni.

Ikkonsidrat ;

Illi jidher li l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat gew ispirati mill-mod alkwantu ekonomiku jekk mhux addirittura telegrafiku li bih gew redatti l-kapi kollha tal-att tal-akkuza bl-eccezzjoni tal-ewwel kap. F'dawn il-kapi , fil-parti espozittiva saret riferenza dejjem ghal kap jew kapi precedenti ghal dak li jirrigwarda d-data, l-lok, il-hin u c-cirkostanzi , w , umbaghad f'paragrafu wiehed issemmew fil-qosor kemm jista' jkun il-fatti li fuqhom kienet bazata l-akkuza f' kull wiehed minn dawn il-kapi .

Illi l-akkuzat qed jghid li il-mod kif huma redatti t-tieni sas-seba' kapi tal-att tal-akkuza ma jharisx id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 593 u 589 (c) tal-Kodici Kriminali . L-ewwel artikolu jiddisponi li meta l-Avukat Generali jiddeciedi li jgib zewg reati jew aktar kommessi minn persuna wahda fl-istess att t' akkuza , dan ghandu jinqasam f'diversi kapi u f'kull wiehed minn dawn il-kapi ghandha tithares id-dispozizzjoni tal-art. 589 .

L-artikolu 589 jghid li l-Att t' akkuza jsir f'isem ir-Republika ta' Malta u ghandu :-
a) isemmi l-Qorti li jingieb quddiema;
b) jaghti car il-partikolaritajiet tal-akkuzat ;
c) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat , bil-partikolaritajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar , flimkien mac-cirkostanzi kollha li , skond il-ligi w fil-fehma tal-Avukat Generali jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u
d) jispicca b'gabra fil-qosor li fiha l-imputat jigi akkuzat tar-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi , w bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u sabiex l-istess akkuzat jigi kundannat ghall-piena stabilita (hawn jinghid l-artikolu tal-ligi li jikkomprendi r-reat) jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat .

L-akkuzat jghid li ma giex osservat it-tielet rekwizit li ghandu jkollu fih l-att tal-akkuza w d-diversi kapi separati tieghu ossia dawk id-dettalji msemmija fis-subinciz c) .

Issa fil-waqt li fl-ewwel kap , l-Avukat Generali spjega r-retroxena ghall-incident fid-data tas-16 t' April, 2002, li beda minn kmieni filghodu , fir-raba fl-inhawi maghrufa bhala Hal Mula, Zebbug, Malta , ma xi membri tal-familja Falzon u kif xi hin wara , kif wasal hdejn ir-roundabout tal-S Club fejn kien mar ifittex lill-membri tal-familja ta' Falzon , bil-ghan li jpattihielhom ghal dak li kien gara qabel , spara fuq Daniel Falzon , fil-kapi l-ohra sussegwenti , kkompressa din ir-relazzjoni tal-fatti mifruxa fuq erba paragrafi , f'-paragrafu wiehed in-narrazzjoni tal-fatti billi qal testwalment : "Fl-istess data , lok , hin u cirkostanzi imsemmija fil-kap/i precedenti " .

Umbaghad zied jaghti l-hin - li incidentalment ma kienx semma fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza - bhala “ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta’ filghodu” , u rabat mal-kap precedenti billi qal “wara li Nazzareno Micallef kien immira u spara lejn “ (u hawn kull darba semma il-vittma indikata fil-kap precedenti) “u ma laqtux minnhabba r-ragunijiet li issemmghu hawn fuq , Nazzareno Micallef din id-darba immira lejn ras (u hawn kull darba isemmi il-vittma potenzjali indikata fil-kap in kwistjoni) u minhabba l-movimenti li dana ghamel kif ra lil Micallef jimmira lejh , ma intlaqatx f’rasu izda f’partijiet ohra ta’ gismu w garrab diversi feriti.....” ( u hawn jissemmew it-tip ta’ feriti li tkun garrbet il-persuna partikolari li tissemma f’dak il-kap.) Umbaghad minufieh jghaddi ghall-paragrafu indikat bl-intestatura “Konsegwenzi” u jsemmi li b’eghmilu l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati ta’ tenattiv t’ omicidju . Dana ghar-rigward tat-tieni sar-raba kapi tal-att tal-akkuza.

Fil-hames kap l-Avukat Generali ukoll jibda billi jaghmel riferenza ghall-”istess data, lok , hin u cirkostanzi imsemmija fil-kapi precedenti“ w jsemmi l-fatt li bl-istess comb minnu sparat , l-akkuzat ikkaguna hsara fil-vettura van JBB-642 ta‘ aktar minn LM500.

Fis-sitt Kap jaghmel l-istess riferenza ghall-..”istess data, lok, hin u cirkostanzi imsemmija fil-kapi precedenti “ w jsemmi l-fatti konducenti ghall-akkuza talli minghajr licenzja tal-kummissarju tal-Pulizija spara arma tan-nar f’post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici .

Fis-seba kap intuza l-istess kliem introduttiv fil-parti espositorja bhaz-zewg kapi ta’ qabel u semma l-fatti konducenti ghall-akkuza ta’ sekwestru tal-persuna.

Illi l-akkuzat jghid li dan igib in-nullita’ ta’ l-ahhar sitt kapi u li dan id-difett ma jistax jigi sanat b’korrezzjoni skond ma jiddisponu l-artikoli 598 u 599 tal-Kodici Kriminali .

Illi gie ritenut mill-Qrati taghna li r-raguni ghala att t’ akkuza ghandu jigi annullat trid tkun tohrog mid-dokument innifsu w l-Qorti m’ghandhiex toqghod tidhol u

tindaga dwar il-verita' jew precizjoni tal-fatti msemmija fl-att tal-akkuza , izda trid tara jekk ir-rekwiziti ta' formalita' preskritti mill-ligi gewx osservati . F'"Rex. vs. Strickland " [21.3.1923] (Vol. XXV , p.iv. p.833) gie ritenut li :-

"Tanto secondo la nostra gurisprudenza quanto secondo qualla inglese , la nullita' dell'atto d'accusa non si accorda per ragioni nel merito ma per difetti sostanziali recanti un pregudizio , non altrimenti rimediabile nell'accustato, risultanti dalla faccia dello stesso atto che si impugna ..... Da altre sentenze stampate risulta che quando si e' trattato della nullita' o meno dell'atto di accusa , tale atto e' stato sempre esaminato per se stesso , indipendentemente dal merito e delle prove."

Gie ukoll ritenut li l-att tal-akkuza ma jistax jigi annullat minhabba zbalji li jistghu , skond il-ligi, jigu korretti mill-Qorti fil-kors tal-kawza. (ara. Regina vs. Cutajar , Qorti Kriminali , 17.10.1987 u Rex vs. C. Camilleri , Qorti Kriminali , 2.5.1905 )

Illi fil-kaz in ezami , din il-qorti thoss li bil-fatt biss li l-Avukat Generali , ghall dak li jirrigwarda , data, hin, lok u cirkostanzi ta' retroxena ghamel riferenza ghall-kapi precedenti, biex ma joqghodx jirrepeti l-istess , stante li dawn kienu identici , l-akkuzat ma sofra ebda pregudizzju rrimedjabbli , ghaliex ghalkemm kull kap irid jitqies mill-gurati separatament minn ta' qablu w fuqu irid jinghata gudizzju separat u distint mill-kapi l-ohra, jekk, kif qed jigi allegat , id-diversi reati koperti bil-kapi separati , graw kollha fl-istess kuntest ta' lok, hin u jum , tali riferenza ma tista' qatt thalli dubju f' mohh min irid jiggudika w fl-akkuzat li ghandu kull dritt li jipprepara ghad-difiza xierqa tieghu , li l-fatti li kienu qed jigu attribwiti lilu kienu kollha jirriferu ghall-istess incident u li dawn kollha graw fl-istess, jum , hin u lok.

Illi umbaghad il-fattispecji partikolari ta' kull kap , fejn dawn kienu differenti mill-kap jew kapi precedenti ,gew traccati , sia pure fil-qosor , izda b' mod car mill-Avukat Generali b' mod li ma jhallu ebda dubju ghall-liema reat l-akkuzat qed ikollu jirrispondi w dawn il-fatti succinti

jinkwadraw ruhom fir-reat imsemmi fil-parti akkuzatorja ta' kull kap rispettiv .

Ghalkemm forsi hu rakkomandabbli, li d-diversi kapi , jerghgu jirrepetu mill-gdid u espressament il-partikolaritajiet ta' jum , hin u post , f'dan il-kaz bil-mod kif kull kap jaghmel riferenza ghall-kap jew kapi precedenti w isemmi mill-gdid il-persuna li kontra taghha hu allegat li gie kommess ir-reat fil-kap precedenti ghar-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba kap , ma jistghu ihallu ebda dubbju f' mohh min irid jiggudika u min ser jigi gudikat ghal x'hiex irid jirrispondi . Ghalhekk il-mod adoperat mill-Avukat Generali fl-istesura tat-tieni sas-seba kap tal-att tal-akkuza , ma jmurx kontra d-disposittiv tal-artikolu 589 (c) kif rez applikabbli ghal kull kap rispettiv bl-artikolu 593 (1) .

Hu minnu li kif tissotommetti d-difiza , dan in-nuqqas - kieku kellu jitqies bhala nuqqas - ma jidhrix li jista' jigi korrett minn din il-Qorti taht xi wahda mill-ipotesijiet u xenarji kontemplati fl-artikoli 598 u 599, ghax la jirriferi ghall-zball fl-isem u lanqas ghal xi zball dwar ic-cirkostanzi ta' zmien, post u persuna , fejn u kontra min sar ir-reat jew dwar l-indikazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-hwejjeg li fuqhom sar ir-reat , li jinsab li sar MILL-PROVI LI JINGIEBU WAQT IL-KAWZA, pero' din il-Qorti, kif inghid , ladarba ma tirraviza ebda zball jew difett , ma thossx li ghandha tordna xi korrezzjoni .

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza moghtija minnha stess diversament preseduta fil-kawza "ir-Republika ta' Malta vs. Emanuel Felice " (18.10.1996) , citata mid-difiza ,pero' thoss li l-fattispecji f'dak il-kaz kienu differenti , ghaliex , kif issottometta l-abbli Prosekutur, meta dik il-Qorti , tat zmien biex l-Avukat Generali jirregola ruhu dwar it-tlitt kapi tal-att tal-akkuza, kienet diga' hi stess "ex officio" iddikjarat li kien hemm nullita' fl-ewwel u t-tieni kap ghal ragunijiet differenti minn dawk sollevati f'din il-kawza, w f'dak il-kaz it-tielet kap kien qed jaghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fl-ewwel u t-tieni kapi, b' mod li jekk dawn l-ewwel zewg kapi jigu annullati , ma jkun hemm pratikament ebda fatt espost fit-tielet kap . Mentri f' dal-kaz ma hemm ebda kwistjoni dwar il-validita'

tal-ewwel kap u t-tieni kap qed jaghmel riferenza ghalll-fatti li hemm esposti fl-ewwel kap li mhux qed jigi attakkat . Anzi, johrog “impliciter” minn din is-sentenza li l-Avukat Generali jista’ jaghmel riferenza ghall-fatti kif esposti f’ kap precedenti . Di fatti il-prejokkupazzjoni li wriet din il-Qorti f’ dik is-sentenza kienet tirrigwarda x’jigri mir-riferenza ghall-fatti esposti fiz-zewg kapi precedenti, meta hi stess hasset li dawn iz-zewg kapi kellhom jigu annullati ghal raguni ben diversa minn dawk sollevati f’ din il-kawza. F’ebda hin dik il-Qorti ma qalet li altrimenti , kieku ma kienx hemm il-problema dwar l-ewwel zewg kapi , ma setghetx issir riferenza ghal fatti esposti f’kap precedenti tal-istess att t’ akkuza .

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni , li , skond in-nota tal-akkuzat , suppost hija bazata fuq l-artikolu 449 (5) (b) tal-Kodici Kriminali , din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li din l-eccezzjoni ,se mai, suppost hija bazata ukoll fuq l-artikolu 593 u 589 (c) gja fuq trattati ghax kull ma jghid l-artikolu citat mill-akkuzat hu li att t’ akkuza jista’ jigi annullat anki wara l-verdett tal-gurati meta l-fatt migjub fl-att ta’ l-akkuza ma jkunx jikkostitwixxi fis-sustanza , r-reat migjub jew deskritt f’ dak l-att . U f’ dal-kaz l-artikolu 449 (5) (b) zgur li mhux rilevanti w applikabbli fl-istadju tal-process li fih tinsab dil-kawza.

Issa minn ezami ta’ t-tieni sar raba’ kapi tal-att ta‘ l-akkuza , l-Avukat Generali , fil-parti espositTiva, sia pure fil-qosor , jghid car u tond li l-akkuzat kien immira lejn ras persuna w jsemmi ismu w li minhabba il-movimenti tal-istess vittma meta dan ra lill-akkuzat jimmira lejh , ma ntlaqatx f’rasu izda f’ parti ohra ta’ gismu w garrab feriti . Minn dawn il-fatti succinti jidher car li l-Avukat Generali qed jakkuza lill-akkuzat bi sparatura immirata ghar-ras izda li ma laqtitx lill-vittma destinata fir-ras imma f’parti ohra tal-gisem minhabba li l-vittma ccaqalqet u ghamlet xi movimenti . Dawn il-fatti manifestament ghandhom - jekk pruvati quddiem il-guri - l-ingredjenti kollha kostituttivi tar-reat ta’ tentattiv t’omicidju . Dan ghaliex ghandek l-intenzjoni li jigi kommess reat , l-att estern , (l-immirrar lejn

ir-ras) , u l-ghoti ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt , (l-isparatura) , u l-fatt li d-delitt ta’ omicidju volontarju ma twettaqx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tal-akkuzat, u cioe’ l-moviment tal-vittma meta ra l-hati ser jispara lejh.

L-istess fil-kaz tal-hames kap , jissemma car u tond li l-akkuzat volontarjament u dolozament spara l-hames skratac li kellu fl-arma tan-nar tieghu w li diversi comb minn dawn it-tiri laqtghu il-vettura li fiha kien hemm riekba il-membri tal-familja Falzon u cioe’ vettura van JBB-642 tal-marka Izuzu w bhala konsegwenza ta’ dan , din il-vettura, proprjeta’ ta’ Henry Falzon , garrbet hafna hsara illi sabiex titranga l-ispejjez jitilghu ghal aktar minn LM5000. Illi dawn il-fatti allegati - jekk jirrizultaw pruvati quddiem il-gurati - ukoll indubbjament jinkwadraw ruhom perfettament fir-reat ta’ danni volontarji li qed jigi addebitat lill-akkuzat f’ dan il-kap.

Ghalhekk anki din l-eccezzjoni tidher infondata u qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba eccezzjonijiet tieghu stante li dawn gew irtitati bin-nota tas-6 ta‘ Jannar, 2003

Tiddifferixxi il-kawza “sine die” sakemm ikun maghruf l-ezitu ta’ xi appell eventwali , u f’kaz li ma jsirx appell jew wara li tali appell jigi deciz , sabiex il-guri jigi appuntat ghas-smiegh skond meta jmissu t-turn tieghu skond il-ligi .

--------------------------------TMIEM--------------------------------